MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 399/2007

**Susan Vella f'isimha proprju u f'isem uliedha Charles u Louie Curmi kif nominata bħala kuratriċi ad litem tagħhom b'digriet tat-13 ta' April 2007; Fritz Micallef u Roderick Micallef**

**-vs-**

**Ludwig Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-10 t'April 2007 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi fis-27 t'Awissu 2005, waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Honda Civic numru ta' reġistrazzjoni FAS-252 minn ġewwa Salina Coast Road, Bahar iċ-Ċagħaq, huwa safa' nvolut f'inċident stradali illi bħala konsegwenza tiegħu, Clifford Micallef, iben l-attriċi Susan

Vella u ħu l-atturi Charles u Louie Curmi u Fritz u Roderick Micallef, u li kien passiġġier fl-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuta, sofra feriti ta' natura gravissima u fatali, li mbagħad wasslu għal mewt tiegħu fl-Isptar San Luqa fid-29 ta' Awissu 2005, meta l-imsemmi Clifford Micallef kien għadu kemm għalaq tmintax-il sena;

Illi, kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-inċident imsemmi seħħ unikament bħala riżultat ta' traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

Illi l-konvenut minkejja li ġie debitament interpellat biex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni konsegwenzjali għal dan l-inċident u hekk dovuti skond il-Liġi, baqa' inadempjenti;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Awissu 2005 ġewwa Salina Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq, fuq imsemmi, li fih safa' ferut fatalment Clifford Micallef iben u ħu l-atturi rispettivament;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi bħala riżultat tal-istess imsemmi nċident, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah li jħallas lill-atturi kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tas-17 ta' Frar 2006 u tat-2 ta' Awissu 2006 u nteressi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2007, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament, l-atturi jridu jippruvaw sal-grad rikjest mil-liġi li huma l-eredi ta' Clifford Micallef. Altriment fil-każ tagħhom ikun karenti l-interess rikjest mil-ligi sabiex jintavolaw din il-kawża.

2. Bla preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba tal-atturi kif dedotta kontra l-esponent għandha tkun miċħuda *stante* li l-inċident *de quo* ma ġarax tort tal-esponent.

3. It-tielet talba tal-atturi għandha tkun riġettata wkoll billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-atturi

4. Isegwi għalhekk li anke t-tielet talba kif dedotta kontra l-esponent għandha tkun miċħuda *stante* li l-esponent m'għandux ikun ikkundannat iħallas danni lill-atturi.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2010 u li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu danni li qed jallegaw li sofrew b'riżultat tal-inċident stradali msemmi fir-rikors illi fih tilef ħajtu Clifford Micallef, iben l-attriċi Susan Vella u ħu l-atturi l-oħra. Mid-depożizzjoni tal-attriċi joħroġ allura ċar li l-atturi huma l-werrieta tal-mejjet skond il-liġi.

**IL-PROVI**

Illi dwar kif ġara l-inċident il-Qorti barra li semgħet lil Marlon Ellul li kien passiġġier fil-vettura u lill-konvenut,

għandha wkoll quddiemha kopja tal-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti ta’ Kompetenza Istruttorja. Fil-fehma tal-Qorti l-aktar provi affidabbli huma appuntu dawk miġbura mill-espert nominat mill-Qorti tal-Maġistrati Dr Yana Micallef Stafrace, liema provi ġew esebiti fl-atti tal-kawza, u dan għaliex id-depożizzjonijiet miġbura dakinhar kienu *a tempo vergine* u mingħajr ma x-xhieda kellhom min jagħtihom is-soliti imbekkati. Għalhekk huwa mportanti l-fatt li l-konvenut lill-espert qalilha li kien qed isuq b’aktar minn 100/110 kilometru fis-siegħa. Huwa minnu li fl-affidavit tiegħu qal li kien ħa żball u kien qed isuq b’veloċita’ ta’ ċirka 60 kilometru fis-siegħa, iżda kif ġja’ ingħad, dan qalu meta kellu kull opportunita’ li jkun konsiljat kif għandu jixhed. Dak li huwa kontenut fl-affidavit imsemmi allura ma huwa kredibbli xejn u l-Qorti aktar disposta li temmen dak li qal ftit ħin wara l-inċident. Ellul fix-xhieda tiegħu qal ukoll li l-konvenut kien qed isuq b’ċerta veloċita’ u l-mod kif spiċċat il-vettura (kif jidher mir-ritratti u l-film esebit) jikkonferma dan.

Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-inċident seħħ għaliex il-konvenut kien qed isuq b’veloċita’ eċċessiva u allura meta sab emerġenza, fis-sens li ried jevita tappiera (kif qal huwa stess) fit-triq tilef għal kollox il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq bir-riżultat li seħħet it-tragedja. Kwindi ma hemmx dubju li l-konvenut bis-sewqan traskurat tiegħu kkawża l-inċident in kwistjoni u allura huwa responsabbli għall-mewt taż-żagħżugħ Micallef, u kwindi għad-danni in kwistjoni.

**DANNI**

Huwa evidenti li peress li l-atturi huma eredi ta’ Clifford Micallef, il-Qorti trid tillikwida biss *lucrum cessans* billi l-istess ġuvnott sfortunatament miet fl-inċident. F’dan l-aspett il-Qrati tagħna taw matul iż-żmien diversi sentenzi f’dan il-qasam fejn mhux dejjem wieħed jista’ jgħid li kien hemm uniformita’ għalkemm dejjem fl-ambitu tal-prinċipji stabbiliti fil-kawża **“Butler vs Heard”** (Appell 1967). Il-Qorti tħoss li kollox ma kollox l-iktar sentenza li esprimiet b’mod konvinċenti kif għandom jiġu likwidati d-danni f’każ ta’ persuna mhux miżżewġa ta’ eta’ żgħira hija dik fl-ismijiet **“Anthony Turner et vs Francis Agius et”** deċiża

mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003. F'din il-kawża intqal fost affarijiet oħra illi:

*"Il-Qorti trid ... tagħmilha ċara illi f'każi bħal dawn ma teżisti l-ebda formula maġika speċjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qegħda tiddependi direttament għal sitwazzjoni fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalita' tal-ħajja l-probabilita' tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha. Huwa proprju għalhekk li ġustament il-perit legali ħass li kellu japplika dan l-aspett ta' dipendenza u rriduċa dan l-ammont."*

Illi fil-kawża msemmja infatti l-Qorti naqqset l-ammont likwidat bil-multiplikazzjoni tal-hekk imsejjaħ *multiplier* (ċjoe' l-ammont ta' snin li wieħed jistenna li l-mejjet jibqagħlu fid-dinja tax-xogħol) bis-salarju annwu, b'żewġ terzi. Il-Qorti naqqset imbagħad l-ammont ulterjorment b'għoxrin fil-mija oħra *għall-konsum mistħajjel li l-vittma kienet tiekol jew tonfoq mill-kapital likwidat* u għoxrin fil-mija oħra għall-fatt li ħlas kien se jsir f'daqqa.

Illi din il-Qorti (salv dak li se jingħad għar-rigward tal-ħlas f'daqqa) taqbel perfettament ma' dan il-ħsieb u kwindi fil-każ odjern qed tillikwida d-danni billi tieħu bħala bażi salarju ta' Lm80 fil-ġimgħa (l-attur kellu salarju ta' ċirka Lm60 fil-ġimgħa u għalhekk il-Qorti se tgħolli bi ftit dan is-salarju tenut kont tal-eta' tiegħu fejn wieħed jistenna li kien se jkollu ż-żidiet) u għalhekk disat elef, sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€9,692.80) fis-sena għal tletin sena (li qed jiġi adottat bħala *multiplier* billi l-mejjet kellu tmintax-il sena – il-Qorti ma taqbilx li għandha tapplika numru akbar għaliex wieħed dejjem qed jimxi fuq projezzjoni li qatt ma tista' tkun fiċ-ċert) li jiġu mitejn u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u tmenin Ewro (€290,784); dawn jitnaqqsu b'żewġ terzi kif imsemmi u jiġu jammontaw għal sitta u disgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin Ewro (€96,928). Meta jitnaqqsu għoxrin fil-mija għall konsum l-ammont jiġi jaqra sebgħa u sebgħin

elf, ħames mija u tnejn u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€77,542.40).

Illi fir-rigward tat-tnaqqis għall-ħlas f'daqqa l-Qorti ma tħossx li għandha tnaqqas is-soliti għoxrin fil-mija għaliex għalkemm il-kawża ilha għaddejja tlett snin, l-inċident ġara fl-2005. Huwa minnu għalhekk li l-atturi stess damu sena u nofs biex bdew il-kawża, imma mbagħad il-kawża kellha żewġ skolli li għalihom ma kienux jaħtu huma; l-ewwel kellu jinbidel darbtejn il-ġudikant għaliex wieħed ġie assenjat fil-Qorti tal-Appell u l-ieħor kellu jastjeni għaliex kien id-difensur tal-konvenut fil-bidu tal-kawża; imbagħad il-konvenut talab żewġ differimenti għaliex xtaq li jistenna li jixhed fil-kawża kriminali bil-għan li l-istess kawża kriminali tiġi deċiża qabel ma jiġi kontro-eżaminat f'din il-kawza. Għalhekk se tnaqqas għaxra fil-mija u għalhekk tasal ghas-somma ta' disgħa u sittin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€69,788.16).

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u għalhekk;**

**1. Tiddikjara l-konvenut Ludwig Micallef responsabbli għall-inċident in kwistjoni u konsegwentement għall-mewt ta' Clifford Micallef;**

**2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disgħa u sittin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€69,788.16);**

**3. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas din is-somma lill-atturi;**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------